MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2008

Numru. 609/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**Vs**

**Raymond Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Raymond Muscat ta' 34 sena, bin Victor u Giuseppa nee Montebello, mwieled in-Naxxar fit-2 ta' Awissu 1965 u li jirrisedi fil-fond Nru. "Tulip", Triq il-Kanada, Naxxar, ID Card No. 362365 (M).

Billi huwa akkuzatt talli: Fid-19 ta’ Lulju 2000, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal set ta’ *number plates* foloz (GAH-326) fuq vettura tal-ghamla ‘Morris Marina’, (numru ta’ registrazzjoni J-4023), ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli: fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta’ *number plates* foloz (GAH-326), fuq vettura ohra tal-ghamla ‘Morris Marina’, (numru ta’ registrazzjoni J-4023), ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti ta’ l-1994 Dwar Il-Vetturi Bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15 (1b) u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U talli: fid-19 ta’ Lulju 2000, u fil-granet ta’ qabel, saq vettura Morris Marina bin-numru J-4023 meta din il-vettura ma kienetx koperta b’licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma kienetx koperta b’polza ta’ l-assikurazzjoni.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija, timpedixxi lill-imsemmi Raymond Muscat milli jkollu jew li jottjeni licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsasb a fol. 4 tal-Process u nnutat li l-imputat Raymond Muscat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qieghda tinstema mill-Magistrat, illum Magistrat Irtirat Dr.

Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fis-sena 2007.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kap. 9, ir-Regolamenti 17 u 31 tal-A.L. 128/1994, l-artikoli 15(1A) tal-Kap. 65 u l-art. 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Raymond Muscat, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz nkwantu ghall-ewwel (1) akkuza u ghat-tieni (2) akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Raymond Muscat tillibera lill-istess imputat Raymond Muscat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Raymond Muscat ghall-piena ta' mija u sbatax il-Euro (Euro 117) multa u nkwantu ghat-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-istess imputat Raymond Muscat tikkundanna lill-imsemmi imputat Raymond Muscat ghall-piena ta' hames mija u tlieta u tmenin Euro (Euro 583) multa.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Raymond Muscat milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Raymond Muscat l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------